**7 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Delceppo

*versus*

Onorevoli Raymond Bondin *et*

**L-Istitut tal-Kontumaċja**

*Il-liġi timponi dover fuq iċ-ċittadini kollha, soġġetti għal ġurisdizzjoni tagħha, li huma jaraw u jassikuraw illi dawk il-persuni kollha li (a) jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu, jew inkella (b) huma impjegati tagħhom, jew inkella (ċ) inkarigawhom li jirċievu l-posta indirizzata lilhom – jikkonsenjawlhom l-ittri li huma jirċievu, speċjalment l-ittri rreġistrati, u li malli jirċevhom jirrilaxxjaw id-debita riċevuta.*

*Il-liġi ma tistax tittollera negliġenza ta' dan id-dover impost fuq iċ-ċittadini u din il-kwalità ta' 'culpa' tammonta fir-realtà għal dik l-indifferenza attwali, jew inkuranza, għall-possibbli sejħat tal-Qorti li tikkostitwixxi waħda mill-elementi essenzjali ta' l-istitut tal-kontumaċja.*

Il-Qorti: –

Dan huwa appell minn sentenza tas-7 ta' Jannar, 1992, li ddeċidiet li Raymond Bondin, l-appellant, ma ġġustifikax il-kontumaċja tiegħu, billi qalet hekk:

*Omissis;*

Illi s-segwenti deċiżjoni hija ċirkoskritta u limitata għat-talba tal-konvenut Onor. Raymond Bondin biex huwa jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu f'din il-kawża;

Ittrattat il-punt;

Ikkunsidrat li mill-fatti jirriżulta paċifiku li f'din il-proċedura l-konvenut Raymond Bondin kien ġie nnotifikat fuq il-post tax-xogħol u dan billi l-att taċ-ċitazzjoni tħalla ma' waħda mill-impjegati tiegħu li jisimha Domenique Ellul. Il-kontenzjoni ta' dan il-konvenut kif esposta minnu stess fix-xiehda tiegħu mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1991 hija li huwa ma kienx irċieva ċ-ċitazzjoni *de quo* u dan għar-raġuni li huwa ċ-ċitazzjoni ma sabiex u ma waslitx għandu. Ġiet imbagħad prodotta b'xhud Domenique Ellul mill-konvenut biex tixhed dwar dan il-punt u din (ara xiehda tagħha ta' l-14 ta' Novembru 1991 – fol. 31) bdiet biex għarfet il-firma tagħha fuq il-"*pink card*". Hija kienet impjegata mal-konvenut bħala "*travel clerk*" bl-iskrivanija tagħha quddiem il-bieb ta' barra. Ma ftakritx ix-xhud iċ-ċirkostanzi dwar l-iffirmar għal dina ċ-ċitazzjoni. Hija kienet normalment tirċievi l-posta li tasal però huma kienu jirċievu ħafna "*registered mail*". Din ix-xhud kompliet hekk:

"Naturalment il-poosta in segwitu ngħaddiha lill-prinċipal tiegħi meta jkun hawnhekk, però ħafna drabi ma jkunx qiegħed f'postu;

Ngħid li jiena s-soltu naqbad l-ittri li jkun imissni nagħti lill-konvenut u nħallihom l-uffiċċju fuq id-*desk*";

In kontro-eżami kompliet hekk:

"Jiena npoġġihom kif għidt fuq l-iskravinija li semmejt biex in segwitu meta jidħol is-Sur Bondin jarahom għall-kumdità tiegħu;

Ngħid li f'xi ħin jew ieħor il-konvenut kuljum jidħol fl-uffiċċju tiegħu u jiena nassumi li l-ittri li jkollu għalih jarahom meta jidħol però jiena kif semmejt ma nkunx qiegħda fl-uffiċċju fejn jitħallew il-karti tal-posta";

Il-Qorti tibda biex tosserva li bħala notifika lill-konvenut fuq il-post tax-xogħol tiegħu, tali notifika hija valida. Mhux miċħud lanqas li ċ-ċitazzjoni permezz ta' posta rreġistrata ġiet riċevuta minn waħda mill-impjegati tiegħu. Din l-impjegata xehdet li tali posta li tkun destinata għall-konvenut, li kien il-prinċipal tagħha tpoġġihielu fi "*tray*" fl-uffiċċju fejn ikun, li l-konvenut Bondin jidħol fl-uffiċċju tiegħi kuljum f'ħinijiet però differenti u li hija kienet "tassumi" li tali posta hekk imħollija jaraha a kumdità tiegħu;

*Omissis;*

Fil-kors tal-provi, il-konvenut Bondin għamel riferenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Paul Vella *noe et vs* Anthony Ellul" deċiża fl-4 ta' Lulju 1991. Huwa veru li ***inter alia*** dik id-deċiżjoni qalet li ma jistax ikun hemm ***culpa*** fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika però dan il-fatt irid jiġi mbagħad abbinat ma' fatti oħra. F'dak il-każ il-fatti kienu differenti notevolment billi hemm *si trattava* ta' "ħabi involontarju" taċ-ċitazzjoni da parti ta' mart il-konvenut billi din qabdet l-ittra li rċeviet f'isem żewġha u qegħditha f'kexxun bla ma infurmatu. Fil-każ in diżamina mhux talli ma kienx hemm ħabi involontarju jew m'huwiex, imma talli

l-impjegata poġġiet l-ittra espressament biex jaraha l-konvenut. Għalhekk il-posizzjoni għandha tkun li fil-materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, jew tal-mandatarju tiegħu, għax allura minflok il-prova tal-kawża ġsta jkun hemm il-*culpa* u f'dak il-każ il-persuna ma tkunx tista' tiġi tilmenta minn xejn, għax "*qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*" (ara wkoll Koll. Vol. XXXI.I.406, Dimech *et vs* Sammut *et noe;* P. Grixti *vs* Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, Prim'Awla 6 ta' Novembru 1974; A. Callus *vs* G. Grixti, Prim'Awla ta' l-1 ta' Ġunju 1987);

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiddeċidi illi l-konvenut Raymond Bondin ma rnexxilux jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u *tiċħad* it-talba tiegħu";

2. L-aggravji li l-appellant jadduċi kontra din is-sentenza huma:

(a) Illi l-appellant tant kellu l-intenzjoni li ma jibqax kontumaċi u jiddefendi ruħu illi kien irrisponda l-Protest li l-attur bagħat qabel il-kawża, billi għamel Kontro-Protest;

(b) Illi huwa sar jaf bil-kawża meta qallu l-avukat tiegħu;

(ċ) Min irċieva ċ-ċitazzjoni ma qallux biha;

(d) Ma jirriżulta ebda negliġenza kolpuża ta' l-appellant;

(e) Għandu jiġi applikat għall-każ dak li hemm fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Lulju, 1991, li "ma jistax

ikun hemm *culpa* fejn ma kienx hemm konoxxenza tan-notifika ta' l-att'';

3. L-ewwel konsiderazzjoni li għandha ssir tirrigwarda n-notifika ta' l-att ta' ċitazzjoni u tas-sejħa tal-Qorti, b'avviż għat-trattazzjoni tal-kawża, li biha l-appellant huwa l-ewwel konvenut;

L-artikolu 187 Kap. 12 fil-parti tiegħu essenzjali għall-preżenti kwistjoni, jiddisponi hekk:

''(1) In-notifika ssir bil-konsenja ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew **f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna** jew f'idejn il-*prokuratur tagħha jew* ***persuna awtorizzata minnha biex*** **tirċievi l-posta tagħha, fil-lok** fejn toqgħod jew **taħdem** jew **fil-post tax-xogħol** jew fl-indirizz postali tagħha'';

Il-fatti li rriżultaw fil-kawża juru li m'hemm l-ebda dubju li Domenique Ellul irċeviet il-busta rreġistrata, biċ-ċitazzjoni u bl-avviż, u ffirmat li rċevietha u li hija persuna li f'dak iż-żmien mhux biss kienet fis-servizz ta' l-appellant iżda wkoll kienet *awtorizzata minnu biex tirċievi l-posta indirizzata lilu fil-lok fejn* taħdem u fil-post tax-xogħol tiegħu;

L-appellant għalhekk, għall-iskopijiet kollha tal-liġi kien debitament innotifikat;

4. Proprjament, l-appellant m'huwiex qed jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu, għaliex m'huwiex jagħti **ebda** raġuni vera u proprja għaliex baqa' *kontumaċi għas-sejħa tal-Qorti*. *Jgħid* difatti, fix-xiehda tiegħu tas-17 ta' Ottubru, 1991:

"Ma nistax nispjega kif, però li nista' ngħid hu li ċ-ċitazzjoni jiena ma rajthiex u ma waslitx għandi";

Dan il-kliem juru li l-appellant m'huwiex qiegħed jagħti raġunijiet pożittivi ta' ġustifikazzjoni iżda qiegħed jgħid li l-ġustifikazzjoni hija negattiva ċjoè huwa ma kienx jaf, jew ma sarx jaf, bil-kawża, u **ma jistax jispjega kif ma kienx jaf, meta l-fatti tan-notifika huma dawk li rriżultaw;**

5. Issa huwa ċar u manifest illi l-liġi, fl-artikolu kkwotat, qed timponi **dover** fuq iċ-ċittadini kollha, soġġetti għal ġurisdizzjoni tagħha, li huma jaraw u jassikuraw illi dawk il-persuni kollha li (a) jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu, jew inkella (b) huma impjegati tagħhom, jew inkella (ċ) inkarigawhom li jirċievu l-posta indirizzata lilhom – jikkonsenjawlhom l-ittri li huma jirċievu, speċjalment l-ittri rreġistrati, u li malli jirċevuhom jirrilaxxjaw id-debita riċevuta;

6. Mix-xiehda ta' Domenique Ellul tirriżulta l-proċedura li hija, sa fejn taf hi, dejjem segwiet, meta, fl-uffiċċju fejn taħdem bħala impjegata ta' l-appellant, tirċievi l-posta. Mill-provi għalhekk ma jidher ebda nuqqas da parti ta' terzi. U dan ifisser illi dak li ġara huwa attribwibbli biss għall-appellant li għal dak in-nuqqas tiegħu – kif jgħid huwa stess – m'għandux spjegazzjoni;

7. Dan l-atteġġjament ta' l-appellant għalhekk jindika negliġenza ġenerika fis-sens illi huwa naqas, mingħajr raġuni valida, li jagħti każ ta' dak li kellu d-dover li jagħti każ u ċjoè li jaqra l-posta li skond il-proċedura normali adottata fl-uffiċċju tiegħu, tpoġġiet għad-disposizzjoni tiegħu;

8. Il-liġi ma tistax tittollera negliġenza tad-dover ġenerali impost fuq iċ-ċittadini, kif intqal fil-paragrafu 5 *supra*, u din il-kwalità ta' *"culpa"* tammonta fir-realtà għal dik l-indifferenza attwali, jew inkuranza, għall-possibbli sejħat tal-Qorti li tikkostitwixxi dik il-kontumelja negattiva li tikkostitwixxi waħda mill-elementi essenzjali ta' l-istitut tal-kontumaċja; kif, f'diversi ġudikati din il-Qorti – anki riċentement – spjegat u applikat skond iċ-ċirkostanzi ta' fatt li rriżultawlha;

9. L-appellant fil-petizzjoni jistrieħ fuq is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Paul Vella *et noe vs* Anthony Ellul ta' l-4 ta' Lulju, 1991, u kuntrarjament għal dak li għandu jsir, esebixxa wkoll fotokopja tagħha li tidher bħala "Dok. X" fl-inkartament;

10. Bir-rigward kollu, din il-Qorti ma jidhrilhiex li tista' tapprova dak li hemm f'din is-sentenza;

L-ewwelnett din is-sentenza ssemmi in sostenn ta' dak li hemm fiha, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-11 ta' Novembru, 1955, fl-ismijiet Filomena Farrugia *vs* Salvatore Farrugia – (Vol. XXXIX.I.300) li għandha tiftiehem f'sens kuntrarju għal dak li ġie deċiż f'Vella *vs* Ellul. Infatti f'dik is-sentenza din il-Qorti kienet irriġettat l-appell tal-konvenut li l-Qorti ta' l-ewwel grad kienet **irrifjutat li tiġġustifikalu l-kontumaċja**. Iċ-ċitazzjoni kienet ġiet innotifikata fid-dar tal-konvenut, **f'idejn martu**, li "poġġietha fejn jista' jaraha; u meta dak inhar stess huwa rritorna d-dar, qaltlu li kien hemm karta għalih, u writhielu, il-konvenut ma messhiex u ħalliha hemm". Dik iċ-ċitazzjoni kienet ta' l-istess martu kontra tiegħu – u xorta waħda din il-Qorti rriteniet li dik in-notifika kienet valida. Dak li hemm fis-sentenza ta' l-ewwel grad, ikkonfermata minn din il-Qorti

prattikament mingħajr kummenti addizzjonali, huwa li dik in-notifika ma kinitx tkun valida kieku l-mara ħbiet iċ-ċitazzjoni li rċeviet **jew** b'xi mod ieħor ingannat lil żewġha – **allura, f'dawk l-ipotesijiet**, in-notifika kienet tkun nulla. Imma mhux altrimenti. Għalhekk din is-sentenza ta' Farrugia *vs* Farrugia mhux biss ma tikkonfortax l-appellant imma, bir-rispett kollu, lanqas dak li ġie ritenut fiċ-ċitata sentenza Vella *vs* Ellul;

F'din l-aħħar sentenza huwa skorrettement ritenut illi la l-att ma ġiex f'idejn il-konvenut allura ma jistax jiġi meqjus li huwa *in culpa* u għalhekk ma huwiex lanqas kontumaċi. Però l-punt huwa: x'inhi l-*culpa* li hija rilevanti fiċ-ċirkostanzi tan-notifiki skond il-liġi? Il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformità mad-doveri imposti mil-liġi jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri rreġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti – **kif inhuwa l-każ** – imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf u ta' dan, kif inhuwa f'dan il-każ, mingħajr spjegazzjoni, ma jsirx jaf, bħala riżultat ta' l-arranġamenti li jkun għamel;

Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasjiet **ippruvati**, tat-terzi persuni li jirċievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u, li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ;

Din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza tagħha – Sede Inferjuri – tat-3 ta' Lulju, 1926, fl-ismijiet Callus *vs* Chircop (XXVI.I(II) – 319) fejn l-ewwelnett, bħala regola ntqal li r-raġuni ġustifikattiva trid tkun "*indipendente della volontà di chi è chiamato a subire*" u din hi waħda minn diversi sentenzi fuq il-kontumaċja li ġew imbagħad kollha sintetizzati fis-sentenza ta' l-istess Qorti fl-ismijiet Cassar *vs* Vassallo tad-29 ta' Mejju,

1937 (XXIX.I.1581), b'dan, illi din il-Qorti kellha diversi opportunitajiet li tkompli tiżviluppa l-istess idejat, temprati però b'ċerti konsiderazzjonijiet psikoloġiċi, kif jista' jidher missentenza P. Grech *noe vs* N. Zammit ta' l-14 ta' Jannar, 1993;

11. Għal dawn ir-raġunijiet, l-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata.